

Brussell, 7 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5789/22

COMPET 63
IND 27
MI 86

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja tal-Kunsill Kompetittività tal-24 ta' Frar 2022</i> Il-ġejjieni tal-ekosistema industrijali tal-mobbiltà fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota tal-Presidenza dwar “Il-ġejjieni tal-ekosistema industrijali tal-mobbiltà fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika” bil-ħsieb tad-dibattitu ta’ orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tal-24 ta’ Frar 2022.

Kunsill Kompetittività tal-24 ta' Frar 2022**Il-ġejjieni tal-ekosistema industrijali tal-mobbiltà fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika**

Il-Patt Ekoloġiku¹ ppreżentat mill-President tal-Kummissjoni Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2019 stabbilixxa l-objettiv għall-Unjoni Ewropea (UE) li tikseb in-newtralità klimatika fl-2050.

F'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015, dan l-objettiv vinkolanti ddaħħal fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima f'Ġunju 2021, bħalma ddaħħal l-istabbiliment mill-UE ta' mira intermedja ambizzjuża li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990 (minflok b'40 % kif kienet qabel).

F'dan il-kuntest, il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %"², ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta' Lulju 2021, fih ġabra ta' 13-il proposta maħsuba biex jaġġornaw il-leġiżlazzjoni tal-UE kif ukoll jintroduċu inizjattivi ġodda, bil-għan li tintlaħaq din l-ambizzjoni klimatika oġġla.

L-ekosistema industrijali tal-mobbiltà ser tkun involuta sew fil-kisba ta' dawn l-objettivi. Fil-fatt, it-trasport (inkluż it-trasport marittimu internazzjonali u l-avjazzjoni) kien jirrappreżenta 32 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE fl-2019, imqabbel ma' 24 % fl-2000³. Kif previst fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, minn issa sal-2050 is-settur tat-trasport ikollu jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu b'90 % biex jirrifletti l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE.

¹ COM(2019) 640 final

² COM(2021) 550 final

³ L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, <https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/data/data-viewers/greenhouse-gases-viewer>

1. Aġġustament għall-mira ta' 55 %: pakkett ambizzjuż ta' miżuri indispensabbli għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-industrija Ewropea u għall-protezzjoni tal-klima

Il-qafas regolatorju li japplika għall-ekosistema tal-mobbiltà ser jevolvi b'mod profond permezz tal-proposti fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %". Il-mobbiltà ser tiġi affettwata mir-reviżjoni proposta tal-miri nazzjonali ta' tqassim tal-isforz għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, il-proposta biex l-ETS tiġi estiża għas-settur tat-toroq, il-proposta għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM), ir-reviżjoni ta' RefuelEU Aviation u FuelEU Maritime, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (AFIR), kif wkoll mir-reviżjonijiet relatati mal-oqsma tal-enerġija bħalma hija d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II), sa fejn it-trasformazzjoni u l-elettrifikazzjoni tat-trasport iżidu d-domanda ġenerali għall-enerġija. Is-settur awtomobilistiku huwa affettwat ukoll mir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief ġodda, u mit-testi futuri dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet li jniġġsu (Euro7) u dwar id-data dwar il-vetturi.

L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-pakkett għalhekk jirrikjedu li l-industrija tal-mobbiltà taċċellera t-trasformazzjoni tal-mudell tat-tkabbir u l-ġhodda tal-produzzjoni tagħha u tappoġġa lill-impjegati tagħha. Il-Kunsill diġà beda ħidma, matul il-Presidenza Slovena, kif ukoll negozjar tat-testi leġiżlattivi fis-setturi rilevanti, bil-ħsieb li jiġi identifikat aħjar l-impatt tal-pakkett fuq l-industrija. Fid-29 ta' Settembru 2021, il-Kunsill Kompetittività organizza l-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett mill-perspettiva tal-kompetittività industrijali, b'rabta mal-aġġornament tal-istrateġija industrijali Ewropea ppreżentata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Mejju 2021. Barra minn hekk, fis-26 ta' Novembru 2021, il-Kunsill Kompetittività (Riċerka) organizza dibattitu dwar il-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kisba tal-objettivi transettorjali, inkluż l-objettivi tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" fis-setturi tat-trasport, l-industrija, l-użu tal-art u l-forestrija. Fl-aħħar nett, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir beda janalizza l-konsegwenzi tal-pakkett għas-setturi industrijali kkonċernati. F'dawn id-dibattiti ħareġ it-tħassib tal-Istati Membri tal-Unjoni dwar l-impatti tal-pakkett fuq l-industrija, b'mod partikolari għall-ekosistema tal-mobbiltà.

Barra minn hekk, l-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali Ewropea⁴ tenna l-prijorità ewlenija tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali għall-politiki kollha tal-UE. Din l-istrateġija pproponiet il-ħolqien ta' pjanijiet direzzjonali għat-tranżizzjoni sostenibbli u diġitali tal-14-il ekosistema industrijali ppreżentati mill-Kummissarju għas-Suq Intern Thierry Breton. Hu għalhekk li l-Kummissjoni organizzat ħidma fil-qafas tal-Forum tal-Industrija biex tiċċara dawn il-perkorsi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali billi tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha f'kull ekosistema. F'Jannar 2022, il-Kummissjoni tat bidu għall-ħolqien konġunt ta' perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema tal-mobbiltà, li ser ikollha rwol essenzjali fil-kisba tal-ambizzjonijiet klimatiċi tagħna.

Fid-29 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni laqqgħet flimkien ekonomisti minn kull Stat Membru biex janalizzaw il-konsegwenzi tal-proposti tal-pakkett fuq l-industrija u biex jirfinaw il-ħtiġijiet ta' investiment. Din il-ħidma tista' tiġi żviluppata aktar sabiex jitwettqu studji ta' każijiet pilota, biex jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki u metodoloġiji biex tinbena viżjoni komuni tal-impatti tat-tranżizzjoni fuq l-industrija, u biex jiġu identifikati argumenti għall-vijabbiltà u prijoritajiet għal azzjoni.

⁴ COM(2021) 350 final

2. L-ekosistema industrijali tal-mobbiltà fil-qalba tal-isfidi tat-trasformazzjoni

L-ekosistema tal-mobbiltà, settur industrijali ewlieni tal-UE, għandha quddiemha diversi sfidi biex tikseb vantaġġ mit-tranżizzjoni tagħha: adattament teknoloġiku u diġitali, adattament tal-ktajjen tal-valur, kontroll tas-sorsi ta' provvista ta' materjali u komponenti kritiċi, taħriġ u appoġġ għall-impjegati, kompetizzjoni f' setturi ġodda tas-suq fil-mobbiltà l-għdida (awtonomija, mobbiltà sostenibbli, eċċ.). Fil-każ tas-settur awtomobilistiku, il-kumpaniji Ewropej bħalissa qed jiffaċċjaw nuqqasijiet ta' provvista (b'mod partikolari ta' semikondutturi) li qed ixekklu l-irkupru tagħhom, u għandhom bżonn iwettqu trasformazzjoni profonda tal-għodod tal-produzzjoni tagħhom, peress li t-tagħmir meħtieġ għall-produzzjoni ta' vetturi termiċi huwa differenti ħafna minn dak li hu meħtieġ għall-vetturi elettriċi. Barra minn hekk, iż-żieda fl-oġġettivi klimatiċi taffettwa mhux biss lill-manifatturi, iżda wkoll lis-subkuntratturi, lill-manifatturi tal-komponenti u, b'mod aktar ġenerali, lill-SMEs u lill-ħaddiema tal-ekosistema kollha kemm huma. It-trasformazzjoni tas-settur awtomobilistiku taffettwa madwar 15-il miljun impjieg Ewropew . Fejn jidħlu kwistjonijiet ta' taħriġ għall-impjegati, l-EIT InnoEnergy jipprevedi, pereżempju, il-ħolqien ta' madwar 3 sa 4 miljun impjieg fl-UE fis-settur tal-batteriji elettriċi, li 800 000 minnhom ser ikollhom bżonn kwalifiki ġodda u titjib tal-ħiliet.

Minħabba l-ħtieġa ta' tranżizzjoni rapida, il-ħtiġijiet ta' investment huma kolossali. Skont il-pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni tal-ekosistema tal-mobbiltà, l-investimenti addizzjonali meħtieġa mill-2021 sal-2030 biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni fit-trasport bit-triq, il-vetturi ferrovjarji, il-bastimenti, l-inġenji tal-ajru u l-introduzzjoni tal-infrastrutturi ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju huma stmati li jilhqqu EUR 130 biljun fis-sena, meta mqabbel mal-għaxar snin preċedenti⁵. Il-ħtieġa ta' investment fit-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-infrastrutturi żżid EUR 100 biljun oħra fis-sena⁶. Fid-dawl tal-impatti tat-tranżizzjoni fuq is-settur, jeħtieġ li jiġu identifikati l-lievi disponibbli għall-Unjoni bħalissa sabiex jingħelbu dawn l-isfidi. Il-pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni tal-ekosistema tal-mobbiltà jwitti t-triq għal din ir-riflessjoni.

⁵ COM(2020) 562 final

⁶ SWD(2020) 98 final, abbażi ta' stimi relatati mat-TEN-T u kalkoli tal-BEI

Barra minn hekk, kif diskuss fil-laqgħa informali tal-ministri għall-kompetittività fl-1 ta' Frar f' Lens, it-tranżizzjoni sostenibbli tal-industrija Ewropea ma tistax tinkiseb mingħajr ma tiġi żgurata l-materja prima meħtieġa għat-teknoloġiji ekoloġiċi l-ġodda. L-OECD tbassar żieda ta' 110 % fil-konsum taġħna ta' materja prima bejn l-2011 u l-2060, dovuta f'parti sew għall-ħtiġijiet tat-tranżizzjoni sostenibbli u diġitali: il-Bank Dinji jipprevedi, pereżempju, żieda ta' 1000 % sempliċiment fid-domanda għall-metalli użati fil-batteriji (kobalt, ċomb, litju, manganiż, nikil, eċċ.) f'xenarju ta' limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura għal 2 gradi.

Sadattant, l-UE tiddependi sew minn ċerti pajjiżi terzi għall-provvista ta' dawn tal-aħħar, u b'hekk hija vulnerabbli: ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo waħedha tirrappreżenta 60 % tal-produzzjoni dinjija tal-kobalt, filwaqt li ċ-Ċina tirrappreżenta 98 % tal-importazzjonijiet taġħna ta' elementi tal-materjali tal-art rari. Għalhekk, l-iżgurar ta' provvista stabbli ta' din il-materja prima hija essenzjali: għal dan l-għan, l-UE għandha bżonn teżamina u timplimenta firxa wiesgħa ta' azzjonijiet, b'mod partikolari tiggarrantixxi l-provvisti esterni taġħha, tiżviluppa r-riċiklaġġ u l-innovazzjoni, u tteġġeg il-produzzjoni ta' materja prima primarja fl-Ewropa. Il-Kummissjoni hija attiva f'dan il-qasam, pereżempju, bil-pubblikazzjoni f' Settembru 2020 ta' pjan ta' azzjoni għall-materja prima u l-istabbiliment tal-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima (ERMA): reċentement ħabbret fond ta' EUR 400 miljun, koġestit mill-ERMA u l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, biex niżguraw il-provvisti taġħna ta' materja prima għall-manifattura ta' batteriji għal vetturi elettriċi. Ir-Regolament Ewropew dwar il-batteriji, li qed jiġi nnegożjat bħalissa fis-settur ambjentali tal-Kunsill, għandu jinkoraġġixxi wkoll il-feġġ ta' settur industrijali Ewropew sostenibbli bbażat fuq il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza Ewropea fuq l-importazzjonijiet.

Madankollu, dawn l-isfidi ma għandhomx joskuraw l-opportunitajiet li dawn it-tranżizzjonijiet ser iġibu magħhom, pereżempju fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari u l-materja prima, l-idroġenu, jew ukoll il-mobbiltà dekarbonizzata, li ser joħolqu impjiegi ġodda f' setturi ġodda, bħalma huma l-ħolqien ta' settur tar-riċiklaġġ tal-batteriji, tal-inġenji tal-ajru mingħajr karbonju, tal-fjuwils sostenibbli, jew ukoll tal-propulsjoni bil-qluġ tal-bastimenti tal-merkanzija. Id-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà għandha tiftaħ opportunitajiet kummerċjali ġodda u tkun fattur li jagħmel differenza għall-industrija Ewropea, b'mod partikolari għall-esportazzjoni. Fil-fatt, l-avvanz leġislattiv Ewropew jista' jpoġġihom f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-sħab tagħhom.

3. Il-lievi Ewropej għall-appoġġ tal-industrija fit-tranżizzjoni ekoloġika

Biex jinkiseb suċċess f'din it-tranżizzjoni, li ma għandhiex preċedent fl-istorja tal-industrija Ewropea fl-iskala u l-ambizzjonijiet tagħha, iridu jitlaqqgħu flimkien għadd ta' kundizzjonijiet, pereżempju fejn jidħlu inċentivi u kundizzjonijiet qafas biex jissaħħu l-kompetittività tal-industrija Ewropea fis-suq intern, tiġi appoġġata l-implimentazzjoni, mhux biss għall-kumpaniji l-kbar iżda wkoll għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja tul il-katina tal-valur, u wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi teknoloġiċi ta' din it-trasformazzjoni. Il-prevedibbiltà u l-istabbiltà regulatorja ser ikunu deċiżivi biex l-industrija tkun tista' tiegħu d-deċiżjonijiet tajbin ta' investment fit-tul.

Jeżistu lievi ta' azzjoni fil-livell Ewropew u dawn jistgħu jiġu approfonditi biex jappoġġaw aħjar it-tranżizzjoni tal-ekosistema tal-mobbiltà u jsaħħu l-leadership Ewropea, mhux biss permezz tal-elettrifikazzjoni iżda wkoll bl-awtomatizzazzjoni u l-konnettività. L-alleanzi industrijali, il-programm qafas Orizzont Ewropa, l-investimenti ffinanzjati mill-Bank Ewropew tal-Investment, l-akkwist pubbliku Ewropew, il-proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEI) u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri biex titħaffef it-tranżizzjoni permezz ta' investimenti fil-qafas tar-regoli Ewropej dwar l-għajnuna mill-Istat huma kollha għodod li jippermettu li l-potenzjal industrijali tal-Ewropa jiġi sfruttat bis-sħiħ f'kuntast ta' kompetizzjoni internazzjonali qawwija. Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-industrija, il-pjan Ewropew għall-irkupru, NextGenerationEU, u l-baġit tal-UE għall-2021-2027 jipprevedu livelli bla preċedent ta' investment fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Aktar minn 40 % tan-nefqa għall-irkupru hija marbuta mal-ekosistema tal-mobbiltà⁷. Barra minn hekk, il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni Ewropea jipprevedu mekkaniżmi ta' appoġġ għat-tranżizzjoni (fondi għall-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni fl-ETS, proposta għal fond soċjali għall-klima b'mod parallel mal-estensjoni proposta tal-ETS). It-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-impjegati, speċjalment tal-SMEs, ser ikunu meħtieġa wkoll biex jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet ġodda ta' impjieg li ser jinħolqu. Il-ħolqien ta' ktajjen ta' valur ġodda ser ikun ikkundizzjonat ħafna mill-kapaċità li tiġi pprovduta forza tax-xogħol ikkwalifikata biex tappoġġa dan l-iżvilupp u tiżgura l-kompetittività Ewropea, kif rifless fl-azzjonijiet tal-Akkademja tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji. Fl-aħħar nett, it-tiżiħ tal-influwenza tagħna fl-istandardizzazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda jista' jstimula l-innovazzjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-swieq.

⁷ https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/long-term-eu-budget/2021-2027_mt

Fil-kuntest ta' dan id-dibattitu ta' orjentazzjoni, l-Istati Membri ser ikunu mistiedna jwieġbu t-tliet mistoqsijiet li ġejjin:

- *Ħadtu xi inizjattivi biex tikkalkulaw il-ħtiġijiet ta' investiment marbuta mat-trasformazzjoni industrijali fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"? Tistgħu tagħtu eżempji konkreti tal-ħtiġijiet tas-setturi tal-mobbiltà, u b'mod partikolari s-settur awtomobilistiku?*
- *Minbarra l-investimenti privati meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekosistema industrijali tal-mobbiltà, liema miżuri tqisu li huma meħtieġa biex jiffaċilitaw u jżidu r-ritmu tal-iżvilupp ta' din it-tranżizzjoni, b'mod partikolari fl-innovazzjoni, l-infrastruttura u t-taħriġ?*
- *Liema lievi għandhom jiġu attivati bħala prijorità biex isaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività futura tal-ekosistema industrijali tal-mobbiltà fl-Ewropa, b'mod partikolari biex jippermettu l-iżvilupp ta' vetturi elettriċi u awtonomi u aċċess sigur għall-materja prima kritika?*